# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

*Editur, C. Zammit-Marmarà M.B.E.*

Nru. 35 IS-SIBT, IL-15 TA' APRIL, 1944. Nru. 35

## IL-KUMITATI DISTRETTWALI

(*Mill-Editur*)

F'MARZU li għadda, rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Biedja għamlu laqgħat tal-bdiewa kollha reġistrati biex ifissrulhom xi ħaġa dwar il-Għaqdiet Ko-operattivi u biex jistidnuhom ħalli jagħżlu b'votazzjoni l-Kumitati Distrettwali tal-Bdiewa.

Xi bdiewa li forsi ma setgħux imorru għal dawn il-laqgħat ma fehmux x'inhu l-iskop ta' dawn il-Kumitati Distrettwali li għalihom ġew mitluba biex jivvotaw.

Meta l-Gvern tinqalagħlu xi kwistjoni li tolqot parti waħda tal-popolazzjoni, hu iktarx jistħarreġ dik il-kwistjoni mar-rappreżentanti ta' dawk in-nies li lilhom tmiss dik il-kustjoni. Fil-biedja, il-Gvern suppost jistħarreġ l-affari mal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa.

Iżda billi hemm bdiewa li ma humiex imseħbin fil-Għaqda, il-Gvern ried jagħmel pass iżjed il quddiem, jiġifieri, billi issa hemm u jista' jkun hemm kwistjonijiet li jolqtu lill-bdiewa, ried li l-bdiewa jiġu mistiedna jagħżlu bdiewa mid-distrett tagħhom sabiex jirrappreżentawhom f'kullma jista' jinqala' u f'taħditiet mal-Gvern. Dawn ir-rappreżentanti setgħu jiġu magħżulin sew minn bdiewa li huma fil-Għaqda kif ukoll minn dawk li mhumiex. Dan il-pass, li ġie wkoll imwaqqaf mill-Għaqda tal-Bdiewa, sar biex ħadd ma jista' jgorr li ma ħax sehem fil-għażla tar-rappreżentanti tiegħu.

Xi whud jistaqsu, x'ser ikun ix-xogħol ta' dawn il-Kumitati?

Meta d-Dipartiment tal-Biedja jkun sejjer jagħmel xi ħaġa, hu jista' jgħarraf lil dawn il-Kumitati biex jistħarreġ il-kwistjoni magħhom. Sakemm jibqa' l-kontroll, jekk ikun hemm *quota* tal-patata jew xi oġġett ieħor bħal dan, din t'tqassam lill-bdiewa skond il-parir tal-Kumitat Distrettwali. Fl-istess ħin, kull ħaġa li tmiss lill-biedja tkun tista' tiġi mfissra lilhom bis saħħa ta' dawn il-Kumitati Distrettwali. Jekk ikun hemm xi ħaġa li f'għajnejn il-bdiewa ma tkunx qiegħda sewwa, jew ma tkunx sejra tajjeb, il-Kumitat Distrettwali jista' jiġbed fuqha l-attenzjoni tal-Gvern. Fi ftit kliem, dan il-Kumitat jirrappreżenta l-interessi tal-bdiewa. Hu jista' jerġa' jitbiddel jekk u meta l-bdiewa ta' dak id-distrett jidhrilhom li hemm bżonn.

Fuq kollox, dawn il-Kumitati huma l-ewwel pass biex, *il quddiem*, ikunu jistgħu jiġu mgħaqqdin is-Soċjetajiet Ko-operattivi tal-Bdiewa. Iżda meta jiġu mgħaqqdin dawn il-Ko-operattivi, il-bdiewa jarġa' jkollhom kull ċans u wisa' biex jikkonfermaw jew ibiddlu l-kumitati li qegħdin jiġu magħżulin issa.

## IL-MESS ISWED TAL-FUL

(*K. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

IL-MESS Iswed tal-ful deher ġmielu, u, bħalma jaf kulħadd, dan jidher ftit jew wisq kull staġun. Il-bdiewa tagħna qatt ma jagħmlu xejn kontrieħ. Jikkuntentaw biss billi jgħidu li ma hemmx rimedju.

Dak il-Mess Iswed li naraw minn dan iż-żmien 'il quddiem mal-qliebi torja tal-ful, u wkoll mal-imżiewed żgħar, ma hux ħaġ'oħra ħlief għadd kbir ta' dud irqiq li aħna ngħidulu "bergħud iswed". Dawn l-insetti għandhom bħal munqar għamla ta' tromba ta' ljunfant li jdaħħluha ġewwa r-rita tal-pjanta u minnha jerdgħu l-umuri jew is-sugu tagħha. Billi dan il-munqar tagħhom huwa delikat ħafna, huma jfittxu dejjem l-iżjed naħa tarija tal-pjanta u għalhekk aħna dejjem insibuhom fuq ir-rimi ġdid tari.

Biex innaqqsu l-ħsara li jagħmel dan l-insett, l-ewwel ħaġa li jkun hemm bżonn hija li wieħed idur dawra l-pjanti u jaqta' l-qliebi tagħhom—għaliex il-mess minn hemm jibda. Dawn il-qliebi m'għandhomx jintremew. F'pajjiżi oħra jintrabtu f'qatet żgħar u jinbiegħu bi prezz tajjeb u huma mfittxijin ħafna. Huma bil-bosta itjeb mill-ispinaċi. Hawn f'artna ma nistax ngħidilkom li hawn suq għalihom, għaliex il-kotra kbira forsi għad ma jafux bl-użu tagħhom. Imma ħudu l-parir tiegħi, aqtgħu ftit u ippruvawhom intom stess biex tkunu tistgħu titkellmu. Il-biċċa l-kbira jgħalluhom u mbagħad iservuhom biż-żejt u l-ħall jew biż-żejt u bi ftit lumi. Hemm min iħobbhom bil-butir flok biż-żejt, speċjalment l-Ingliżi li ma tantx jużaw iż-żejt. Il-qliebi tal-ful jikkalkulawh bħala wieħed mill-aħjar ħaxix tal-istaġun.

Dawn id-dud jew insetti li semmejna, jerħu minn daharhom bħal għasel iswed li jkompli jkerrah u jmarrad il-pjanta. Iżda billi dan il-għasel li jerħu hu ħelu ħafna, in-nemel iħobbu wisq, u għalhekk fejn imiss il-bergħud iswed (kif ukoll fejn imiss il-bergħud aħdar fuq il-qliebi tas-sigar tal-frott), aktarx issib purċissjoni sħiħa ta' nemel. X'uħud jaħsbu li n-nemel jiekol lil dawn l-insetti, iżda dawk li jaħsbu hekk għandhom żball kbir, għaliex in-nemel hu l-ikbar ħabib tal-bergħud tal-ħxejjex, tant hu hekk li n-nemel stess kultant jaqbad minn dawn l-insetti u jġorrhom fuq frieghi torja fejn ikunu għadhom mhux mimsusa, biex jerħi iżjed għasel.

Biex teqred dawn l-insetti jinħtieġ tbixxhom kemm jista' jkun kmieni bil-Katakilla, jew inkella bil-Clensel. Fost kollox l-aħjar hu l-Clensel, għaliex mhux għali, hu bil-bosta effettiv u fl-istess ħin ma hux velenuż. Il-Clensel hi dik l-istess mediċina li nużaw għad-dubbiena tal-frott.

Barra mill-ful issa nibdew naraw ukoll il-piżelli mimsusa bil-bergħud aħdar. M'għandniex xi ngħidu, il-piżelli m'intix sejjer taqtagħlha l-qliebi bħal ma nagħmlu fil-ful, imma għandek tbixx minnufih malli tara il-bergħud jitfaċċa fuq il-qliebi torja tal-pjanti.

Issa li l-ajru qed jisħon, naraw il-frott irqiq — il-ħawħ, in-nuċiprisk, l-għajnbaqar u l-pruna kollha bil-ward — dehra li tgħaxxaq. Imma bit-temp sħun, li donnu sejjer jieħu f'daqqa, malli s-siġar jaqbdu jilbsu, fir-rimi tari f'qasir żmien issib bla dubju ta' xejn il-bergħud aħdar. Bixx minnufih malli tara l-inqas sinjal tiegħu għaliex jekk il-weraq jaħbat jitgerbeb, imbagħad ikun diffiċli biex teqirdu.

L-istess mediċini li semmejna għall-mess tal-ful huma tajbin għall-bexx kontra l-bergħud aħdar tal-piżelli kif ukoll għall-bergħud tas-siġar tal-frott irqiq. Jiġifieri il-Clensel u l-Katakilla.

## NEQIRDU L-BUDEBBUS

(*C. Zammit Marmarà, M.B.E.*)

MA hemm l-ebda ħaxixa ħażina—u hawnhekk aħna ma nistgħux insejħulha ħaġ'oħra — li tagħmel hekk ħsara fir-raba' tagħna daqs il-Budebbus. Sa minn żmien qadim, il-bdiewa tagħna kienu minn dejjem jaħsbu illi l-Budebbus joħroġ mill-fula. Aħna ilna bosta snin niktbu fuqu, biex nuru lill-bdiewa illi l-Budebbus ma joħroġx mill-fula, iżda li hu pjanta li tikber miż-żerriegħa u żżerragħ.

Il-Budebbus ma hux waħda minn dawk il-pjanti bħal kaboċċi, ħass jew ħwejjeġ oħra li tista' tiżirgħu għalih u li tkabbru għalih waħdu. Hu pjanta li ma għandux is-sustanza li tħaddar (Clorofilla) u għeruqu ma jeħdux is-sustanza li jeħtieġu mill-ħamrija. Għaldaqshekk hu msejjaħ "pjanta parassita", jiġifieri pjanta li tgħix minn fuq pjanta oħra. Il-pjanta li minnha jgħix il-Budebbus jiħtieġ tkun pjanta leguminuża. Żerriegħa tal-Budebbus tinbet fil-ħamrija jew fit-trab li jkun xejn inqas milli tinbet żerriegħa ta' ħxejjex oħra, iżda jekk hi ma ssibx qribha pjanta oħra tal-miżwed biex tabad magħha u tgħix minnha, hija ma tistax tkompli tgħix u għaldaqshekk tmut.

Il-budebbus hi pjanta ta' kull sona, mingħajr weraq, li tikber miż-żerriegħa. Iż-żerriegħa tiegħu hi żgħira ħafna u ħafifa u tkun magħluqa fi speċi ta' boċċa żgħira, u kull waħda minn dawn ikun fiha numru kbir ta' żerriegħa: Pjanta waħda, jekk titħalla ssir fil-għalqa, ikollha minn 70 sa 90 minn dawn il-boċċoċ li fihom xi 1,500 żerriegħa. Meta l-pjanta tlaħħaq iż-żerriegħa, dawn il-boċoċ jinfetħu u mar-riħ jittajru dawk l-1,500 żerriegħa li jkun hemm fuq kull pjanta!

Hi tabilħaqq ħaġa li ġġagħlek tistħi meta tgħaddi minn ħdejn għelieqi ta' bdiewa li jippretendu li jafu l-affari tagħhom, u madankollu tara r-raba' tagħhom mimli bil-Budebbus: għaliex dan juri ċar u tond li dak il-bidwi għadu lura. Meta tħalli l-Budebbus jikber u jżerragħ firraba' tiegħek turi li inti bidwi traskurat, u b'dan mhux biss tagħmel ħsara lir-raba' tiegħek, iżda wkoll lill-biedja kollha ta' pajjiżek. Mhux biss il-Budebbus jixtered f'raba' qribek, iżda wkoll f'raba' 'l bogħod, għaliex iż-żerriegħa tiegħu, li hi bil-bosta rqiqa, ittir mar-riħ, u tinġarr 'il bogħod ma' xkejjer,ma' l-annimali tar-raba', ma' suf ingħaġ jew mogħoż u wkoll ma' ħwejjeġ in-nies.

Din it-traskuraġni min-naħa ta' xi bdiewa, ġagħlet lill-Gvernatur joħroġ liġi li biha obbliga lill-bdiewa jaqilgħu l-Budebbus mill-għelieqi tagħhom u jaħarquh. Jekk aħna nagħmlu dan u nobdu din il-liġi għal ftit żmien, aħna żguri li ma jibqax ikun hemm dak it-telf kbir li kien hemm s'issa fejn jiġu ikkultivati l-pjanti tal-miżwed. Il-Budebbus għandu jibda jonqos b'għadd kbir kull sena.

Għalkemm saret ħafna propaganda u tixrid ta' tagħlim biex wieħed juri lill-bidwi illi l-Budebbus jitnissel miżżerriegħa u mhux joħroġ mill-fula, ħafna bdiewa għadhom ma jistgħux idaħħlu dan f'rashom u għadhom jinsistu illi l-Budebbus joħroġ mill-fula.

Hawn fuq fissirna illi hu pjanta—ħaxixa—ta' għamla u razza li ma taqbilx mal-fula. Baqra hi annimal u qattus hu wkoll annimal, imma baqra ma tistax tagħmel qattus. Il-fula hi ħaxixa, u l-Budebbus hu ħaxixa ta' razza oħra, imma l-fula ma tistax tagħmel Budebbus sewwa sew daqs kemm baqra ma tistax tagħmel qattus. Argument li l-bdiewa jġibu 'l quddiem biex juru kemm tabilħaqq il-Budebbus joħroġ mill-fula hu li f'għalqa fejn ma nżera' qatt ful l-ewwel sena ma tagħmilx Budebbus, jew ittella' ftit, imma s-sena ta' wara jidher ħafna minnu u jibqa' jidher kull sena. Dan hu tabilħaqq argument kontra dak stess li jridu jgħidu xi bdiewa, infatti hu prova ċara illi l-Budebbus jiġi miż-żerriegħa, u din hi r-raġuni li għaliha f'għalqa ġdida l-ewwel sena ma jitla' xejn, jew wisq ftit, għaliex f'dik l-għalqa ma tħalliex jixtered kwantità ta' żerriegħa minn prodott tal-ful li nżera' fiha, u dak li jinbet ikun ġie minn żerriegħa li nġiebet minn bnadi oħra, jew marriħ, jew mal-ixkejjer jew ma' xi annimali. Kieku tabilħaqq li l-Budebbus joħroġ mill-fula, kieku tiżragħha fejn tiżragħha, la hu jkun ġewwa ż-żerriegħa, allura għandu tabilfors jitla' magħha, ukoll jekk tiżragħha f'qasrija. La ma jinbitx magħha, sinjal li hu ma hux mal-fula u ma joħroġx mill-fula.

Jiswa ħafna għaldaqshekk li nduru dawra issa lir-raba' kollu fejn għandna l-ful u naqilgħu l-budebbus kollu u naħarquh. Xejn ma jiswa li aħna naqilgħuh u nixħtuh f'rokna jew fuq il-ħajt tal-għalqa. Il-budebbus, li s'issa jkun rabba biżżejjed sustanza fih, jekk jinqala' u ma jinħaraqx jibqa' jerda' minnu n-nifsu u jlaħħaq iż-żerriegħa xorta waħda. Mela għandna nifhmuha għall-ġid tagħna stess illi l-budebbus għandna naqilgħuh mill-għeruq malli nindunaw bih, u naħarquh. Mhux biss taqilgħu int, iżda itlob lil ġarek jaqilgħu wkoll u jaħirqu. La tixħtuhx filmiżbla.

—————:x:—————

## 'L HAWN U 'L HINN

## FIR-RAZZETT U FIL-GHALQA

(*E. Bajada, Uff. Distr. Mosta*)

MA nafx jekk il-bdiewa u l-ġardinara jafux sewwa li l-Kola jew Żebbellik huwa insett ħabib mill-ikbar tagħhom.

Issa, li feġġet ir-rebbiegħa, ħafna siġar u ħxejjex jibdew jimtessu mill-bergħud tas siġar li, f'komm ili ngħidlek, joktor b'ħeffa kbira. Nistħajjel li ftit huma dawk il-bdiewa li għad ma rawx il-ħsara li jagħmel dan il-misħut insett fil-prodott tal-ful u fis-siġar tal-larinġ.

Il-Kola jew Żebbeliik, hu għadu kbir ħafna ta' dan l-insett għax igħix minn fuqu biss u b'daqshekk inaqqsu ferm minn fuq is-siġar u x-xtieli u xi drabi jirnexxilu jeqirdu għal kollox ukoll

F'Malta għandna ħafna xorta ta' Żebbellik — hawn biżżejjed insemmu dawk li l-iktar jgħixu minn fuq il-bergħud u li tagħrafhom minn żewġ tbajja' jew tikki li għandhom fuq ġwejnħajhom (*Chilocorus bipusulatus*) u oħrajn li għandhom 7 tikki (*Coccinella septem punctata*). Iż-Żebbellika Novius (*Novius cardinalis*), hi l-aħjar rimedju kontra l-*Icerya* jew, bħalma jgħidulna xi wħud, id-Duda Qotnija, li tgħakkes qatigħ is-siġar tal-larinġ u tal-lumi. Ħafna ġardinara u dilettanti tas-siġar ta' l-agrumi l-lum jafu tajjeb x'tiswa din id-daqsxejn ta' Żebbellika!

Għalhekk, ħallih jirgħa għal xogħlu u la teqirdux liż-Żebbellik! Ftakar li hu ħabib kbir tiegħek għax ġid jagħmillek u qatt ħsara. Mhux talli ma għandekx teqirdu, imma jaqbel ħafna li fejn ikun hemm il-mess iġġorru u tpoġġih fuqu biex, jekk ma jnaddfux għalkollix, ta' l-inqas iżommu mrażżan u ma jħallihx joktor u jixtered.

* * *

Ħwejjeġ tal-għaġeb kemm xorta ta' kejl u wżin issib f'dawn ix-xibrejn ta' Gżejjer tagħna! Ibda mill-ikbar ħaġa u spiċċa fl-iċken, fejn jidħol il-kejl jew l-użin, għandek titħawwad mhux ftit.

Għandna t-tunnillata, il-qantar Ingliż u l-qantar Malti, il-piżata, ir-ratal, il-libbra u kultant il-kilò wkoll. Għandna l-modd jew salma, it-tomna, is-siegħ u l-kejla. Il-jarda u l-qasba — il-pied u x-xiber ma jagħlu xejn ma' xulxin. Xi għelejjel tar-raba', imbagħad, jitkejlu b'kejl li ma nafx x'nibda nsejjaħlu: il-ħemel f'Malta fih 10 qattiet u f'Għawdex fih 8. F'Għawdex għal qatet taż-żara' jitkellmu bilkief li fih 12-il-qatta u bit-tagħbija li fiha 8 qattiet. Għattiben tar-rqiq, ix-xibka. Għad-demel hemm il-"vjaġġ" li fih 3 xkejjer ta' 4 qfejfiet il-waħda.

Il-għassara ta' l-inbid jitkellmu bil-bittija, bit-tanbur, bil-barmil, bil-ġarra, bil-kwarta, bin-nofs, bit-terz u bil-pinta. Ma' dawn, bħallikieku daqshekk mhux biżżejjed, għandna l-gallun u l-pinta Imperjali u kultant il-litru wkoll. U biex tagħqad, il-pitkali għadhom jikkuntjaw b'ta' żmien, żemżem: bl-uqija, bin-nofs biċċa, bl-iskut, bl-irbagħajja u bil-ħabba meta ma jdaħħlux il-karlin, iċ-ċinkwina u l-patakka wkoll! U dan mhux kollox — kieku

(*Jissokta fil-faċċata 4*)

# AVVIŻI

**GĦALF GĦAT-TJUR.** — L-Aġent Direttur tal-Biedja għarraf lil dawk kollha li għandhom it-tjur irreġistrati, barra minn dawk in-nies li huma bdiewa, illi sa jitqassam 20 ratal milju lil kull persuna. Il-kupuni tar-razzjon tal-milju kellhom jinġabru mill-Għases tal-Pulizija mhux iżjed tard minn nhar is-Sibt, is-16 ta' dan ix-xahar.

Il quddiem sa jitqassam ukoll xi ġwież għat-tjur u għall-fniek lil dawk in-nies li mhumiex bdiewa. Dawn għandhom imorru jinkitbu fil-ġranet u fil-postijiet imsemmijin hawn taħt:—

Fit-22, fit-23, fid-29 jew fit-30 ta' dan ix-xahar:—

Mosta, Birkirkara, Ħamrun, (u ma' dan Santa Venera), Msida (u ma' din il-Pietà u l-Gżira), Sliema, Lija (u ma' din Attard u Balzan), Rabat, Żebbuġ, Żejtun (u ma' dan Marsaxlokk), Żabbar (u ma' dan Wied il-Għajn u l-Kalkara), Tarxien (u ma' dan Raħal il-Ġdid), Birgu (u ma' dan Bormla u l-Isla), *fil-Għases tal-Pulizija*. Dawk li joqogħdu Ħal Luqa, il-Marsa u Ħal Qormi jinkitbu fil-*Qasam tal-Għammieri*.

Fit-23 jew fit-30 ta' dan ix-xahar:—

Mellieħa, Mġarr, San Pawl il-Baħar, Naxxar, Għargħur, San Ġiljan, il-Belt, il-Furjana, Dingli, Siġġiewi, Żurrieq (u ma' dan Safi), Birżebbuġa, Għaxaq, Gudja, Mqabba (u ma' dan Kirkop), Qrendi *fil-Għases tal-Pulizija*.

Min jinkiteb għandu jieħu miegħu l-ktieb tar-razzjon tal-familja tiegħu.

Dawk li għandhom inqas minn sitt irjus ta' tjur jew fniek ma għandhomx jinkitbu.

## XIRI TA' TITOLI TAL-GWERRA U TAT-TIFDIL

### X'GĦANDEK TAGĦMEL BI FLUSEK?

Ixtri Titoli tal-Gvern, in-"National Savings Certificates" (Titoli tat-Tifdil) u d-"Defence Bonds" (Titoli tal-Gwerra).

Dawn it-Titoli ma jdumux ma jkunu jistgħu jinxtraw ukoll mill-*Uffiċċju tal-Biedja*, l-Għammieri.

Dan l-Uffiċċju jmissu għalhekk ikun għalikom "IL-BANK TAL-BDIEWA".

**WIRJA NAZZJONALI TAL-HAXIX, TJUR U FNIEK FIL-ĊONNA TA' SANT'ANTON FIS-6 U FIS-7 TA' MEJJU.** — Il-Kumitat tal-Wirja jgħarraf b'radd ta' ħajr li rċieva dawn il-premijiet speċjali:—

L-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur: Tazza (Aggregate Challenge) għat-Taqsimiet tat-Tjur u Fniek; Is-Sinjurija Tiegħu Onorabbli l-Logutenent Gvernatur: Tazza (Aggregate) għat-Taqsima tal-Ħaxix; Is-Sur Henry Hirst: Tazza; is-Sinjuri Librara Giov. Muscat, il-Belt: Tazza; Is-Sur J. Schembri, il-Pjetà: Tazza.

Dawk kollha li biħsiebhom jagħtu xi premijiet huma mitlubin li jgħarrfu lis-Segretarju tal-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, jew lis-Sur W. Sanderson, id-Ditta Greenburgh Bros., il-Belt.

**PREMJU GĦAT-TFAL TA' L-ISKOLA — ĠABRA TA' ĦAXIX TAL-FNIEK.** — Fil-Wirja li sejra ssir fil-Ġonna ta' Sant'Anton nhar is-Sibt, is-6 u l-Ħadd, is-7 ta' Mejju li ġej, hemm premju għall-ġabra ta' fjuri salvaġġi miġburin minn tfal ta' l-iskola, u l-kapijiet ta' l-iskejjel huma mitluba li jħajru t-tfal biex jiġbru dawn il-fjuri u jidħlu għall-premju.

Iż-żmien għall-kitba ta' dawn il-ġabriet jagħlaq nhar it-Tnejn, l-1 ta' Mejju, 1944.

**UFFIĊĊJU TAL-ĦLASIJIET, IL-BELT.** — Ngħarrfu illi għall-kumdità tal-bdiewa, l-Uffiċċju l-antik tad-Dipartiment tal-Biedja, fi Trieq Kristofru, il-Belt, ikun miftuħ kull nhar ta' Sibt mit-Tmienja ta' filgħodu sa nofs in-nhar għal kull xorta ta' ħlasijiet.

**IL-PREZZ TAL-PATATA TAS-SAJF.**—Il-Gvern issa iffissa l-prezz tal-patata tas-Sajf li sa jkun kif sa ngħidu:

Sa l-aħħar ta' April 29s.2d. il-qantar; sat-22 ta' Ġunju, 25s.10d. il-qantar; sas-16 ta' Lulju, 26s.8d. il-qantar; sat-30 ta' Lulju, 27s.6d. il-qantar; sat-13 ta' Awissu, 28s.4d il-qantar; sas-27 ta' Awissu, 29s.2d. il-qantar; sas-17 ta' Settembru, 31s.8d. il-qantar; sal-1 ta' Ottubru, 34s.2d. il-qantar; sal-15 ta' Ottubru, 35s. il-qantar; sad-29 ta' Ottubru, 37s.6d. il-qantar; sat-12 ta' Novembru, 40s. il-qantar; sat-30 ta' Novembru, 42s.6d. il-qantar.

Fil-prezz li hu mogħti hawn fuq hemm imdaħħla s-senserija jekk is-sensal jiġi mqabbad biex jagħżel, inaddaf u jimla l-patata. Is-senserija hi 10d. (għaxar soldi) fil-lira u titħallas mill-bidwi lis-sensal.

**X'GĦANDI NAGĦMEL BIEX IKOLLI 25 RATAL LAĦAM BARRANI FIS-SENA?**

**Għandi niftakar illi l-fniek jistgħu jinżammu fl-iċken bitħa jew ġnien u ż-żrameġ minn fenka waħda jistgħu jagħtuni millinqas 25 ratal ta' laħam sustanzjuż u bnin fis-sena, barra mis-soltu laħam tar-razzjon. Jien nista' nkun naf ukoll minn għand il-Konsultur tat-Torbija tal-Fniek, il-Qasam tal-Għammieri, il-Marsa, dwar l-aħjar mezz biex inrabbi l-fniek kif ukoll dwar il-Proġett tal-Gvern għall-Fniek tar-Razza.**

**IT-TILQIM TAL-MAJJALI.** — Bis-saħħa tan-Notifikazzjoni Nru. 276 li ħarġet fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ġunju, 1942, id-Direttur tal-Biedja għandu s-setgħa li jordna t-tilqim bil-fors tal-majjali kontra l-marda ta' l-Iskorfini. Dawk kollha li jrabbu l-majjali jirċievu maż-żmien ordni li tgħidilhom id-data, il-ħin u l-post li fih għandu jiġi għandhom impjegat tal-Gvern biex ilaqqmilhom il-majjali kollha tagħhom. Min ma jobdix din l-ordni jkollu, bis-saħħa ta' ordni oħra, iġib il-majjali biex jitlaqqmu f'post, f'ġurnata u f'ħin iffissati mill-impjegat tal-Gvern.

**TISWIJA.**—Fil-ħarġa ta' "Il-Bidwi" ta' qabel (Nru. 34) l-isem ta' *Kaptan A. Żurrieq Cutajar* li hemm fl-*Avviżi*, taħt ir-ras: *Hnieżer tar-Refgħa*, fil-ħames vers tat-tieni paragrafu għandu jinqara *Kaptan A. Żammit Cutajar*.

## 'L HAWN U 'L HINN

*(Jissokta mill-faċċata 2)*

kellna noqogħdu nsemmu iżjed, dan il-ġurnal konna nimlewh b'dan biss. Telf ta' żmien u taħbil il-moħħ żejjed u qajla biex tqabbel. Dan ġagħlna naħsbu mhux ftit fis-sistema mudern metriku jew, biex ngħiduha iktar bil-Malti, l-"Għadd bil-Għaxra".

Dan is-sistema ta' kejl u wżin, il-lum jew għada għad idaħħluh hawn f'Malta wkoll bħal ma daħal, tista' tgħid, fid-dinja kollha; imma qabel trid taddottah l-Ingilterra.

Kienet il-Gwerra l-Kbira ta' qabel din, jiġifieri dik ta' l-1914-18, li sfrattat li dan is-sistema l-ġdid ma ilux ħafna jaħdem fil-kummerċ ta' l-Imperu Ingliż u hawn f'Malta wkoll. Xi 33 sena ilu, jiġifieri għal ħabta tas-sena 1911, l-Ingilterra kienet qatgħet li dan is-sistema tadottah hi wkoll mhux biss għal dak li hu kejl u wżin, iżda għall-munita wkoll. Imma, bħalma għidna, ġiet il-gwerra u sfrattat kollox.

Din il-gwerra li għaddejjin minnha qiegħda ġġib ħafna tibdil u tibdil iktar għad jiġi wara li tispiċċa. Aħna jidhrilna li jkun wisq għall-aħjar kieku dan is-sistema l-qadim ta' kejl u wżin, li ma fihx ħlief xkiel, kellu jispiċċa u floku jidħol is-sistema l-ġdid ta' l-"Għadd bil-Għaxra."

Kelma oħra: għal dawk li jixtiequ jitgħallmu dan is-sistema ma għandhomx jagħmlu ħaġ'oħra ħlief li jaqraw il-ktieb bil-Malti tas-sur Fons Maria Galea, li jismu "Il-Għadd bil-Għaxra fl-Użin u l-Kejl."

* * *

"Ko-operattiva". Issa qegħdin nisimgħu iktar u iktar ta' sikwit din il-kelma. Wieħed, dritt jinduna li hi kelma ftit u xejn stramba u lill-bdiewa tiġihom tqila għal ilsienhom u xi tfisser iktarx li qatt ma jaslu biex jifhmu sewwa. U għaldaqshekk ħadd ma jlumhom!

"Ko-operattiva", tista' titfisser bħala "xogħol xrik", jiġifieri, xogħol li fih ikunu mxerkin u li jieħdu sehem fih għadd ta' nies, li f'dan il-kas ikunu bdiewa, għall-avanz tagħhom kollha flimkien.